*Hlas b'surroga, artikoli 1166(c) u 1107*
*tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 7 ta' Lulju, 2017**

**Numru 12**

**Rikors Numru 533/08 TA**

**B & B Construction Limited (C-5418)**

**vs**

**Emanuel Bugeja**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` attrici pprezentat fis-27 ta' Mejju 2008 u mahluf minn Angelo Bartolo li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

> "Illi l-Perit Joseph Sapienza intavola kawza kontra B & B Construction Limited (C-5418), B & B Holdings and Investments Limited (C-8766) u Emanuel Bugeja liema giet deciza fis-27 ta' Jannar 2006 Dokument 'A' anness;

Illi l-imsemmi Perit gie kannonizzat kreditur tal-partijiet kontra d-debituri solidament bejniethom izda l-attur gie interpellat illi jhallas l-ammont u effettivament hallas;

Illi s-socjeta` attrici hallset id-debitu kollu ghas-saldu u gie surrogat *ex lege* u ghandu interess illi jipprosegwi kontra l-intimat sabiex jigbor l-ammont illi huwa hallas u li kien dovut mill-intimat;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat huwa debitur ta' l-attur fis-somma ta' hdax-il elf u sitt mija tmienja u disghin euro u hdax-il centezmu (EUR 11,698.11) ekwivalenti ghal hamest elef u tnejn u ghoxrin lira Maltin (Lm5,022) skond Dokument 'B' anness;

2. Tikkundanna lill-intimat ihallas lill-attur is-somma ta' hdax-il elf u sitt mija tmienja u disghin euro u hdax-il centezmu (EUR11,698.11) ekwivalenti ghal hamest elef u tnejn u ghoxrin lira Maltin (Lm5,022).

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tas-sentenza imsemmija kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni."

Rat ir-risposta tal-konvenut prezentata u mahlufa minnu fl-20 ta' April 2009 li biha eccepixxa s-segwenti:-

"1. Illi qabel xejn din l-azzjoni hija wahda intempestiva stante li hu qatt ma rcieva, lanqas sempliciment ittra li biha s-socjeta` attrici nfurmatu li thallsu xi flus lill-Perit Sapienza. Illi ghalhekk m'ghandu jhallas l-ebda spejjez ta' din il-procedura.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, meta s-socjeta` irceviet interpellazzjoni sabiex thallas mill-Perit Sapienza kellha tinfurmah anke biex jigu verifikati l-konteggi li kien ghamel il-Perit Sapienza peress li minbarra s-sorte riedu jinhadmu l-imghaxijiet legali.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors guramentat ma jindikax preciz x'hallset is-socjeta` attrici peress kull ma jintqal hu li hallset kreditu lill-Perit Sapienza.

4. Illi barra minnhekk, l-esponent ma jistax jifhem kif qed jintalab ihallas is-somma ta' €11,698 ekwivalenti ghal Lm5022 meta l-kreditu li kellu jiehu l-Perit Sapienza u kif kanonizzat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili konfermat mill-Qorti ta' l-Appell kellu jkun ta' Lm2,200 jew €5124 salvi l-imghaxijiet legali.

5. Illi apparti dan, is-somma kanonizzata kellha tinqasam bejn tlieta u cioe` s-socjetajiet B&B Construction Ltd, B&B Holdings &

> Investments Ltd u l-konvenut Emanuel Bugeja u mhux li jhallas kollox Emanuel Bugeja kif donnha qed tippretendi s-socjeta` attrici.
>
> Ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda kontra l-istess socjeta` attrici. Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` attrici."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Qrat ix-xhieda li gew imressqin mill-partijiet;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Rat il-verbal tal-udjenza tad-29 ta' Marzu, 2017 fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

Il-Qorti fehmet li l-fatti huma dawn li gejjin:-

**1.** Ghal xi snin il-kontendenti kellhom negozju flimkien. Kienu qablu li jaqsmu dan in-negozju bejniethom u sabiex jassistihom f'din il-qasma ai fini ta' valutazzjoni, ingaggaw is-servizzi tal-Perit Joseph Sapienza. Wara li qasmu, ircevew il-kont tad-drittijiet professjonali minghand il-Perit imsemmi fl-ammont ta' Lm2,200.

**2.** Jidher li minhabba disgwid bejn il-kontendenti, dan il-kont ma thallasx u l-imsemmi Perit kien kostrett li jaghmel kawza kontra taghhom, li kkulminat fis-sentenza esebita a` fol 133 tal-process. It-tlett konvenuti f'dik il-kawza, maghhom inkluz il-konvenut odjern, gew ikkundannati jhallsu l-ammont fuq imsemmi b'mod solidali bejniethom.

**3.** Fl-20 ta' Frar 2007 is-socjeta` konvenuta hallset b'cheque lill-Perit fuq imsemmi, is-somma ta' Lm5,022 (a` fol 10). Ir-ricevuta ohra ta' hlas harget fit-22 ta' Frar 2007, pero' din id-darba fuq l-isem personali ta' Angelo Bartolo (a` fol 11). Il-Qorti ser tehodha li din ir-ricevuta harget wara li kien inkassat ic-cekk fuq isem Angelo Bartolo u li di fatti kellha tkun fuq isem is-socjeta` konvenuta.

**4.** Wara dan kollu s-socjeta` attrici qeghdha ddur fuq il-konvenut permezz tal-kawza odjerna u titlob minghandu, in via ta' rivalsa, il-hlasijiet li ghamlet kif fuq jinghad.

**Punti ta' Ligi**

**5.** Minn ezami tar-rikors guramentat jidher li s-socjeta` attrici qeghdha tipprocedi kontra l-konvenut abbazi tal-artikoli 1166(c) u 1107 rispettivament tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan in vista tal-fatt li l-Qorti fid-decizjoni fuq imsemmija kkundannat lill-konvenuti f'dik il-kawza, fosthom lill-konvenut, **in solidum** biex ihallsu lill-Perit Joseph Sapienza s-somma li giet kannonizzata.

**6.** Illi fid-dawl tal-ammont li qieghed jintalab, li ma jikkombaccax mal-ammont kannonizzat fid-decizjoni fuq imsemmija, it-tielet kawzali hija pjuttost vaga. Ghalhekk l-ewwel ma jrid jigi stabbilit hu kemm ghandu jkun l-ammont preciz li ghandu jkun ikkunsidrat ai fini ta’ din il-kawza.

**Konsiderazzjonijiet**

**7.** Din il-Qorti ghamlet minn kollox biex tipprova tifhem minn fejn tnissel l-ammont ta’ Lm5,020. Fl-affidavit tieghu, Angelo Bartolo, a` fol 29 tal-process , isemmi dan l-ammont darba biss, fil-kuntest ta’ mandat li kien ircieva minghand il-Perit Sapienza. F’dan l-istess Affidavit jinghad li dan il-mandat gie esebit bhala Dok A, izda l-Qorti ma sabet xejn minn dan kollu fl-atti tal-kawza.

**8.** Aktar minn hekk, Anglu Bartolo jghid, li wara dik il-kawza huwa ghazel li jaghlaq il-pendenza mal-Perit Joseph Sapienza. B’dan l-iskop f’mohhu ghamel dawn il-hlasijiet u cioe: Lm2,020 sorte tal-kawza, Lm131 imghaxijiet u Lm657.81 spejjes tal-kawza. Kif wasal ghall-ammont imsemmi fil-kawza odjerna, Angelo Bartolo qatt ma jaghti spjegazzjoni. Apparti minn hekk il-kawza hija principalment marbuta ma’ u kostruwita fuq is-solidarjeta` *ope sententiam*.

**9.** F’dan ir-rigward, il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-konvenut fl-argomentazzjoni mressqa fl-eccezzjonijiet minnu moghtija. Per konsegwenza l-Qorti, kemm in vista’ ta’ dak fuq spjegat u kif ukoll tan-nuqqas ta’ kjarezza tal-mod kif hija konfezzjonata t-tielet kawzali tar-rikors

promotur, ser tillimita ruhha ghall-ammont ta' Lm2,020 biss, u dan kif wara kollox huwa l-ammont ikkannonizzat fid-decizjoni fuq isemmija.

**10.** L-azzjoni li s-socjeta` attrici qed tesperita hija essenzjalment imsejsa fuq l-adoperazzjoni *ipso iure* tal-pagament b'surroga. Artikolu 1166(c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula, min jebbenefika minn dan id-dritt tas-surroga, u allura x'inhuma l-effetti li din iggib maghha fil-konfront tal-ko-debituri, u cioe` wara "dak li kien obbligat ma' ohrajn jew ghal ohrajn ghall-hlas tad-dejn u kellu interess ihallsu".

**11.** Dan fil-fatt huwa l-kaz tas-socjeta` attrici fil-kawza odjerna. In virtu` tad-decizjoni fuq imsemmija, is-socjeta` attrici kienet ikkundannata solidalment mal-konvenuti l-ohrajn. Fl-Istitut tas-Solidarjeta' jesisti mandat implicitu *ex lege*, li kull wiehed mid-debituri jista', anke minghajr avviz lill-ko-debituri, jhallas d-debitu ghan-nom tal-ohrajn, indipendentement mir-relazzjonijiet interni ta' bejniethom. L-Istitut tas-Surroga jezisti mhux biss biex jipprotegi lil min jaghmel il-hlas billi jissubentra fid-drittijiet tal-kreditur, izda biex jiffacilita u jinkoragixxi l-hlas ta' krediti.

**12.** Stabbilit, li meta s-socjeta` attrici ghamlet il-hlas lill-Perit Sapienza giet li bbenefikat mill-Istitut tal-hlas b'surroga, jmiss li jkun ezaminat x'inhuma l-limiti li dan igib mieghu, meta wiehed mill-ko-debituri jigi biex jezercita d-dritt tieghu ta' rivalsa taht il-ligi, kontra d-debituri l-ohrajn.

**13.** L-ewwel regola hi dik, li zgur ma jistax jitlob aktar minn dak li seta' jitlob il-kreditur originali. Argument iehor, ghaliex il-mod kif konfezzjonata l-kawza, ma tippermettix li jintalab ammont akbar minn dak akkwistat bis-sahha tal-pagament b'surroga.

**14.** F'dan ir-rigward Giorgio Giorgi bhal donnu kellu f'mohhu il-kaz odjern meta ghid: "*La Legge non dice esplicitamente quale sia la parte di ciscun debitore in solido nei suoi rapport con gli altri debitori. Ma chi puo' dubitare, che la regola generale delle obbligazioni pro rata non riprenda qui il suo impero? Che le parti non debbansi presumere uguali? I debitori, poniamo caso, sono due: ogni uno di essi deve sopportare la meta'; sono tre ognuno sopporta il-terzo*". **(Giorgi. Teoria delle Obbligazioni Nel Diritto Moderno Italiano. Vol I pg.222. Fratelli Camelli. 1924).**

**15.** Di fatti it-taghlim ta' awturi bhal Giorgi insibuh fir-regim legali taghna bis-sahha ta' artikolu 1107 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li "*Il-kondebitur li jhallas id-dejn in solidum kollu, ma jistax jitlob minghand l-ohrajn hlief is-sehem ta' kull wiehed minnhom bl-imgħax minn dak in-nhar tal-hlas, allavolja jkun hemm cessjoni ta' jeddijiet.*"

**16.** Ghalhekk is-socjeta` attrici ma hiex korretta, meta fil-kawza odjerna qeghdha titlob li l-konvenut ihallas l-ammonti kollha, li hallset lill-Perit Joseph Sapienza. Dak li qed titlob, mhux biss jeccedi dak li kisbet bis-sahha tas-surroga, izda huwa kjarament bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 1107 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**17.** Minn dan kollu jirrizulta, li l-ammont dovut lis-socjeta` attrici huwa terz tal-ammont ta' Lm2,020, flimkien ma' terz tal-imghaxijiet u spejjez ta' kawza li ghamel referenza ghalihom Angelo Bartolo kif fuq inghad. Fi fit kliem l-ammont globali f'termini ta' liri antiki huwa dak ta' Lm936.26 ossia €2181.48. Fuq dan l-ammont ghandu jiddekorri imghax ta' tmienja fil-mija (8%) mit-22 Frar 2007, u cioe` minn meta s-socjeta` konvenuta ghamlet il-hlas skont ricevuti esebiti, kif fuq inghad.

**18.** Kwantu ghall-eccezzjoni tal-konvenut, li l-kawza saret intempestivament, irid jigi rilevat, li l-Qorti hadet konjizzjoni biss tal-ammonti naxxenti mid-decizjoni fuq imsemmija. F'dan ir-rigward ma hemm ebda intempestivita`, ghaliex wara kollox il-konvenut kien fil-gudizzju ta' dik id-decizjoni u konsapevoli taghha. Kien fl-interess tieghu li l-hlas jinheles. Ma jidhirx li qatta' l-blat biex dan isehh.

**<u>Decide</u>**

Ghalhekk in vista tas-suepost il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-

**Tilqa'** l-ewwel talba sal-ammont ta' elfejn mija u wiehed u tmenin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€2181.48).

**Tilqa'** wkoll l-ewwel talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma imsemmija bl-imghaxijiet fuq din is-somma ta' 8% b'effett mit-22 Frar, 2007 sal pagament effettiv .

Spejjez tal-kawza ghandhom ikunu sopportati mill-konvenut.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**